Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8880 — Oetker/Henkell/Freixenet)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 230/08)

1. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Henkell International GmbH ("Henkell", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Dr. August Oetker KG ("Oetker", il-Ġermanja),

— Freixenet, S.A. ("Freixenet", Spanja).

Oetker takkwista — permezz tal-kumpanija sussidjarja u proprjetà tagħha Henkell — fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Freixenet kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Henkell: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' inbid frizzanti, inbid u spirti,

— Oetker: manifattur, fornitur u distributur ta' prodotti tal-ikel, fornitur ta' servizzi ta' trasport bil-baħar, proprjetarju ta' ħwienet speċjalizzati għall-catering u l-pubblikazzjoni ta' kotba tat-tisjir,

— Freixenet: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' inbid frizzanti u nbid normali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8880 — Oetker/Henkell/Freixenet

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").